**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 43/17AL

A B
Vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. **Illi** l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) (Ara c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala (Dok. VB1)'

2. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante :

i. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament, u ghalhekk de facto separati sa mis-sena elfejn u ghaxra (2010) filwaqt li ilhom legalment separati sa mit-tnejn (2) ta‘ Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) in forza ta‘ kuntratt redatt min-Nutar Sandra Valentino;
ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma‘ persuni ohra;
iii. Illi ai termini tal-fuq imsemmi kuntratt ta‘ separazzjoni datat 2 ta‘ Frar 2011, il-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reciproku u, ghalhekk, l-ebda manteniment m’hu dovut f’dan ir-rigward;

3. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bhala (Dok. VB2).
4. Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N (1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f’Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f’Malta.

Talbet, in vista tas-suespost l-intimat jghid ghaliex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta’ Malta din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall ta’ zwieg li gie celebrat mill-partijiet fit-3 ta’ Settembru, 2009;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Frar, 2017;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Frar, 2011 u ilhom de facto separati sa mis-sena 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.